# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI TAL-FAMILJA

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA**
**LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Ġimgħa, 3 ta' Frar 2023**

**Rikors Ġuramentat numru: 9/2022 BS**

**Dr Jean Paul Grech bħala mandatarju ta'**
**DMR**

**-vs-**

**MCB bħala**
**prokuratriċi ta' SRB**

**Il-Qorti;**

**A. Preliminari:**

**Rat ir-Rikors Ġuramentat tal-attur nomine[1] illi ppremetta:**

Illi l-partijiet iżżewġu b'ċeremonja ċivili fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Lulju tas-sena elfejn u sebgħa (2007) ġewwa "Ta' Frenċ Restaurant", fir-Rabat, Għawdex;

[1] Fol 1 sa 4, b'dokumenti a fol 5 sa 24.

Illi minn dan iż-żwieġ il-partijiet kellhom tifel, KMR li twieled fl-ewwel (1) ta' Novembru tas-sena elfejn u għaxra (2010) u percio għadu minorenni;

Illi s-separazzjoni ta' bejn il-partijiet kienet ġiet pronunzjata permezz ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet "*SRB Roche nee' Bellamy vs DMR*" (Rikors Ġuramentat Nru: 12/2015 JVC) u datata ħamsa (5) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) u dan kif jirriżulta minn kopja tas-sentenza hawn annessa u markata bħala **Dokument A**. Din is-sentenza kienet anke ġiet reġistrata u ingħatat effett fl-Ingilterra skont kif jikkonferma d-dokument hawn anness u markat bħala **Dokument B**. Tali sentenza pero ma irregolatx l-affarijiet koncernanti dwar il-minuri stante li dawn ġew regolati fir-Renju Unit. Dan in vista tal-fatt li l-minuri kien inżamm illegalment hawn Malta minn ommu u l-Qrati Maltin kienu ordnaw ir-ritorn tal-iben il-minuri tal-partijiet lejn ir-Renju Unit. Per konsegwenza għalhekk il-Qrati Maltin kienu preklużi milli jiddeciedu fuq il-materji koncernanti l-kura u l-kustodja kif wkoll il-manteniment;

Illi l-partijiet ilhom għal snin twal separati *de facto* minn xulxin, tant li l-kawża ta' separazzjoni personali hawn fuq ċitata kienet ġiet intavolata fis-sena elfejn u ħmistax (2015). In oltre l-Partijiet ilhom issa separati legalment sa mill-2018 u għalhekk għal aktar mill-perijodu rikjest mil-liġi;

Illi ma hemm l-ebda prospett raġjonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet, tant li llum il-ġurnata għandhom ħajja totalment separata u indipendenti minn xulxin;

Illi ma hemm l-ebda kwistjoni dwar mantenimenti la bejn il-partijiet fil-konfront ta' xulxin u lanqas fir-rigward ta' binhom minuri. Il-kwistjoni dwar il-manteniment tal-iben minuri tal-partijiet kif wkoll dwar l-access u l-kura u l-kustodja ġew regolati permezz ta' provvedimenti li ngħataw fir-Renju Unit. Kopja tal-ordni dwar l-access hija annessa u markata bħala **Dokument C;**

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi din it-talba għal pronunzjament ta' divorzju ossia l-ħall taż-żwieġ qed ssir **strettament mingħajr pregudizzju** għal kwalsiasi effetti li jista' jkollhom sentenzi u/jew deċiżjonijiet u/jew digrieti mogħtija mill-Qrati fir-Renju Unit fir-rigward tal-minuri u għalhekk it-talba sabiex jiġi pronunzjat id-divorzju bejn il-partijiet bl-ebda mod u manjiera m'għandha tiġi interpretata bħala xi rinunzja da parti tal-esponenti għall-ordnijiet mogħtija mill-Qrati Ngliżi fir-rigward tal-istess minuri;

**Talab għalhekk lil din il-Qorti:**

(1) Tippronunzja d-divorzju ossia l-ħall taż-żwieġ bejn il-Partijiet;

(2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku Għawdex bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenuta nomine[2] illi eċċepiet:**

1. Illi a tenur tal-Artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta l-esponenti nomine mhijiex tircievi manteniment adegwat skond is-sentenza ta' separazzjoni ta' dina l-Qorti tal-21 ta' Far 2017 liema sentenza ghal dak li jirrigwarda l-manteniment li kellu jithallas mill-attur lill-konvenuta kellu jkun kif qalet l-istess Qorti:

> "With regards to the third plea requesting maintenance for the minor child confirms her pendente lite order dated 19th November 2015 ordering the payment of three hundred euro (€300) monthly payable as maintenance for the minor child by the husband to the wife and therefore accedes to plaintiffs pleas and orders the respondent to pay the plaintiff the amount of three hundred euro (€300) monthly representing maintenance due from him to the wife for the minor child and including respondent's share on education and health expenses to the minor. The said amount shall increase at the rate of 5%

[2] Fol 32 sa 34, b'dokumenti a fol 35 sa 89.

yearly, at the beginning of every new year on January 1st of each year and shall continue to be due up within the age of 23 if the child remains in full time education according to law".

2. Illi minn dak il-kap ma kienx hemm appell u allura baqghet 'res indicate' is-sentenza tal-ewwel istanza u l-manteniment kellu jithallas skond dawk il-modalitajiet.

3. Illi effettivament l-attur baqa' jhallas biss l-ammont bazi stabbilit mill-imsemmija sentenza u ma hallas qatt l-ammont li kellu jsir fl-ewwel ta' Jannar ta' kull sena kif lanqas hallas sehmu mill-ispejjes tal-edukazzjoni u sahha kif previst fl-imsemmija sentenza dana kif muri fl-elenku anness ma dina r-risposta u esebit bhala dokument SB1. Ghalhekk qabel ma tista' tintlaqa' t-talba tal-attur irid jigi sodisfatt il-hlas tal-manteniment kif stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti.

4. Illi għalhekk u tenut kont li l-attur ma kienx adempjenti fil-hlas tal-manteniment kif fuq inghad, l-esponenti titlob umilment lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 66I(3) tal-Kap 16 u torbot lill-attur b'garanzija ghall-hlas tal-manteniment kif ordnat bis-sentenza fuq imsemmija liema garanzija m'ghandiex teccedi l-ammont dovut ghall-perjodu ta' hames snin skond il-ligi.

5. Illi salv dak li fuq inghad u salv illi jigu soddisfatti r-rekwiziti dwar il-hlas tal-manteniment kif fuq inghad l-esponenti ma jkollha ebda opposizzjoni ghal pronunzjament ta' divorzju ossia hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

**Fliet l-atti.**

**Rat** id-deċiżjoni ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta mogħtija fl-ismijiet inversi tal-partijiet kontendenti personalment fil-21 ta' Frar, 2017 bin-numru 12/2015 JVC[3] u d-deċiżjoni tal-appell minnha mogħtija mil-Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Novembru, 2018.[4]

[3] Decizjoni a fol 36 sa 89.
[4] Decizjoni ta' l-Appell a fol 5 sa 17a - inkluz ir-*retro pagini*.

**Rat** il-provvedimenti tal-Qrati Ngliża mogħtija fis-17 ta' Lulju, 2019 u fis-6 ta' Lulju, 2020.[5]

**Rat** il-prospett ipprezentat mill-konvenuta li juri l-bilanċ ta' manteniment li skond hi huwa dovut mill-attur.[6]

**Rat** il-prospett ulterjuri ppreżentat mill-konvenuta li juri ammonti li skond hi huma dovuta mill-attur favur spejjeż relatati mal-minuri.[7]

**Rat** il-prokura mogħtija mill-attur lill-Avv. Dr Jean Paul Grech.[8]

**Rat** li l-attur iddikjara l-provi tiegħu magħluqa fis-seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2022.[9]

**Rat** il-kopja tar-rikors ta' l-appell ta' l-attur ippreżentat b'nota fit-13 ta' Ottubru, 2022.[10]

**Rat** li l-konvenuta ddikjarat il-provi tagħha magħluqa fis-seduta tat-13 ta' Ottubru, 2022.[11]

**Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża**, inkluż id-dokumenti eżebiti u verbali kif ukoll it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha u affidavits.

**Semgħat it-trattazzjonijiet tal-abbli difensuri tal-partijiet.**

## B. Provi:

**Semgħat ix-xhieda bil-ġurament u rat dik magħmulha bil-proċedura tal-affidavit, ta':**

**SRB**, il-konvenuta, xehdet permezz ta' affidavit.[12] Tikkonferma d-dokument anness mar-risposta tagħha a fol 35 tal-proċess li jagħti

[5] Fol 18 sa 24.
[6] Fol 35.
[7] Fol 91.
[8] Fol 94 sa 95.
[9] Verbal a fol 98.
[10] Nota a fol 101 u rikors ta' l-appell a fol 156 sa 183.
[11] Verbal a fol 184 sa 185.
[12] Fol 92.

rendikont ta' awmenti dovuti rigward il-manteniment pagabbli lilha favur binha minuri mill-attur. Tiddikjara li l-attur mhux qed iħallas l-awment fuq il-manteniment kif ordnat preċedentement mill-Qorti u għalhekk fadallu jħallas bilanċ fis-somma ta' € 4,477.44.

Tgħid ukoll li huwa qatt ma kkontribwixxa xejn versu s-saħħa u l-edukazzjoni tal-minuri minkejja li l-Qorti ordnat li dawn l-ispejjeż kellhom jinqasmu. Tikkonferma d-dokument eżebit minnha a fol 91 tal-proċess li juri l-valur ta' € 1, 648.79. Tgħid li dak huwa l-valur dovut lilha mill-attur bħalu sehemu rigward tali spejjeż.

Tgħid li stante dawn in-nuqqasijiet l-attur għandu jintrabat b'garanzija għal ħlas futur tal-manteniment.

**DMR**, l-attur, xehed permezz ta' affidavit.[13] Jgħid li huwa żżewweġ lill-konvenuta nhar is-27 ta' Lulju, 2007, f'Għawdex. Iżid li fl-2011 twieled il-minuri KMR.

Jgħid li fl-2015 il-konvenuta pproċediet ġudizzjarjament sabiex tottjeni s-separazzjoni personali billi ż-żwieġ kien tkisser. Jikkonferma li l-partijiet ilhom mifrudin u jgħixu separatament għal aktar minn sebgħa snin.

Ikompli li fl-2018 il-Qorti ta' l-Appell ta' Malta ddeċidiet dwar is-separazzjoni personali bejn il-partijiet. Jgħid ukoll li ma teżisti l-ebda possibilita' ta' rikonċiljazzjoni bejniethom u li m'hemm l-ebda obbligu ta' manteniment versu xulxin.

Rigward il-manteniment dovut minnu versu l-minuri jgħid li dan jitħallas regolarment u li m'hemmx arretrati.

Iżid li l-materja tal-kura u l-kustodja u l-aċċess versu l-minuri ġiet deċiża mill-Qrati Ngliżi u li kien ġie ordnat li t-tifel jittieħed lura lejn l-Ingilterra.

## C. Ikkunsidrat:

[13] Fol 96 sa 97.

**Preliminari:**

Din hija kawża fejn l-attur DMR tramite l-mandatarju tiegħu Dr. Jean Paul Grech qed jitlob lil Qorti tippronunzja d-divorzju bejnu u bejn il-konvenuta.

Minn naħħa tagħha l-konvenuta tgħid illi l-attur mhux qed jivversa l-manteniment skond kif ordnat mill-Qorti fis-sentenza tagħha tal-21 ta' Frar, 2017. Tgħid li għalkemm kien hemm appell mis-sentenza pero' ma kien hemm l-ebda appell mill-kap li ddeċieda x'manteniment għandu jiġi versat lilha favur binha minuri u għalhekk dak il-kap illum jagħmel stat bejn il-partijiet u għandu jiġi osservat mill-attur. Tinsisti li l-Qorti kienet ordnat li l-manteniment kellu jiġi aġġustat maż-żmien skond kif imsemmi fil-kap li ddetermina l-ammont li għandu jitħallas iżda l-attur baqa' jħallas biss l-ammont bażi mingħajr l-aġġustamenti ordnati.

Il-konvenuta għalhekk qed titlob lil-Qorti sabiex tapplika d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 66I (3) tal-Kap 16 u torbot għalhekk lill-attur b'garanzija għal-ħlas tal-manteniment. Tgħid li l-garanzija ma għandhiex teċċedi l-ammont dovut għal perijodu ta' ħames snin.

Tinsisti li hija ma topponix it-talba *purche* l-ħlas tal-manteniment jsir kif mistħoqq.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

It-talba prinċipali f'din l-istanza hija għal pronunzjament tad-divorzju bejn il-partijiet kontendenti. L-attur qiegħed jitlob id-divorzju u l-konvenuta m'hijiex t'oġġezzjona fil-prinċipju.

Minn naħħa tiegħu l-attur jgħid li huwa ħallas u għadu jħallas il-manteniment dovut minnu favur ibnu minuri ai termini ta' l-ordni mogħtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fis-sentenza tal-21 ta' Frar, 2017, il-konvenuta taqbel li l-manteniment qiegħed jitħallas iżda biss fl-ammont bażi ta' tlett mitt Euro (€ 300) fix-xahar, mingħajr l-aġġustamenti ordnati f'forma ta' awment annwali ta' ħamsa fil-mija (5%), u mingħajr ma' l-attur qiegħed jikkontribwixxi favur l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni tal-minuri.

Hawnhekk din il-Qorti tosserva li jista hemm diverġenza fil-ħsieb bejn il-partijiet kontendenti. B'dan li riassunt fil-qosor tal-fatti li wasslu għad-deċiżjonijiet relattivi għal manteniment u spejjeż relattivi għal minuri huwa f'loku.

Relattivament għal kwistjonijiet ta' stat ċivili, l-ewwel deċiżjoni li ngħatat bejn il-partijiet kontendenti kienet dik tas-separazzjoni personali mogħtija min din il-Qorti kif diversament presjeduta nhar il-21 ta' Frar, 2017 bin-numru 12/2015 JVC.

Kopja ntegrali ta' din id-deċiżjoni ġiet eżebita mill-konvenuta flimkien mar-risposta tagħha.[14]

Fl-imsemmija deċiżjoni, u relattivament għal kwistjoni tal-manteniment u l-ispejjeż tal-minuri, din l-Ewwel Qorti kienet iddeċidiet kif isegwi:

> *With regards to the third plea requesting maintenance for the minor child, Court confirms her 'pendente lite' order dated the 19th of November, 2015 ordering the payment of three hundred Euro (€ 300) monthly payable as maintenance for the minor by the husband to the wife and therefore accedes to plaintiff's plea and orders respondent to pay plaintiff the amount of three hundred Euro (€ 300) monthly* ***representing maintenance due from him to the wife for the minor child and including respondent's share on education and health expenses of the minor****. The said amount shall increase at a rate of 5% yearly, at the beginning of every new year on January 1st of each year and shall continue to be due up until the age of 23 if the child remains in full time education according to law.*[15]
>
> [emfażi miżjuda]

Minn hawnhekk jidher li emanew id-diversi diverġenzi fil-ħsieb bejn il-partijiet kontendenti. U dan mhux mingħajr raguni. Xi divergenzi jemanu min-natura ta' l-appell li sar mid-deċiżjoni suċċitata mentri oħrajn jemanu mill-interpretazzjoni tas-suċċitat kap tal-manteniment u l-ispejjeż.

[14] Decizjoni 12/2015 JVC a fol 36 sa 89.

[15] L-ahhar pragrafa f'pagna 50 tad-decizjoni 12/2015 JVC, liema pagna tinsab a fol 85 tal-process, bil-paragrafu jkompli f'pagna 51, a fol 86.

Il-konvenuta, fit-tieni (2) u t-tielet (3) paragrafi tar-risposta tagħha tgħid li:

2. *Illi minn dak il-kap* – il-kap relattiv għal manteniment - *ma' kienx hemm appell u allura baqghet 'res judicata'*[16] *is-sentenza tal-ewwel istanza u l-mantinement kellu jithallas skond dawk il-modalitajiet.*

3. *Illi effettivament l-attur baqa' jhallas biss l-ammont bazi stabbilit mill-imsemmija sentenza u ma hallas qatt l-ammont li kellu jsir fl-ewwel ta' Jannar ta' kull sena kif l-anqas hallas sehmu mill-ispejjes tal-edukazzjoni u sahha kif previst fl-imsemmija sentenza […]*

Minn naħħa tiegħu, jirriżulta li l-attur kien effettivament appella min dan il-kap tas-sentenza numru 12/2015 JVC.

Grazzi għal fatt li l-konvenuta ppreżentat kopja tar-risposta ta' l-appell magħmulha mill-attur mis-sentenza numru 12/2015 JVC,[17] din il-Qorti tista' tara li l-attur kien fil-fatt appella mil-kap relattiv għal manteniment u l-ispejjez permezz tar-raba' (4) paragrafu fis-sezzjoni tal-aggravji u l-paragrafu (c) fil-konklużjoni tar-rikors ta' l-appell tiegħu.[18]

F'dawn iż-żewġ paragrafi, l-attur – hemm appellant – sostna kif isegwi:

*(4) The Fourth Ground of Appeal – The First Court Imposed an Excessive Increase in the Maintenance Payable*

*With reference to the maintenance payable – and as long as the child remains in Gozo and does not return to the UK – appellant does not have any objection as regards the three hundred Euro (€ 300) monthly maintenance order given by the Court. However, the five percent annual increase in the maintenance payable is by far excessive and beyond the actual rate of inflation. It would be more appropriate and fair to have the maintenance increased as per the cost of living index, which after all is the normal increase mechanism which is applied in similar cases […]*

---

[16] 'res judicata'.

[17] Rikors tal-appell a fol 156 sa 183.

[18] Ir-raba' paragrafu jinsab senjatament fil-pagna tar-rikors ta' l-appel a fol 180 mentri l-paragrafu (c) jinsab senjatament fil-pagna tar-rikors ta' l-appell a fol 182.

*[…]*

*(c) Should this Court of Appeal not accept the first ground of appeal and confirm the First Court's decision that it could rule on the care and custody of KMR and that the First Court was right to declare that KMR is to stay and live with plaintiff in Gozo, to reform that part of the judgment entitled the second and third plea and this by: […] (ii) confirming that appellant is to continue paying plaintiff maintenance for his minor son of three hundred Euro (€ 300) monthly including appellant's share on health and education […] (iii) cancelling and revoking in its entirety that part of the judgment wherein the First Court ordered that maintenance is to be increased at the rate of five percent (5%) yearly […]*

Imbagħad id-deċiżjoni tagħha mogħtija nhar il-5 ta' Novembru, 2018, il-Qorti ta' l-Appell wara li tat rendikont tas-sentenza *ivi* appellata, għaddiet sabiex iddikjarat li:

*The first part of the fourth ground of appeal is being rejected since the judgment of the First Court made no decision as therein stated; the second part is correct and therefore the relevant part of the judgment is being upheld.*

U aktar tard, fid-deċide nisslet:

*Revokes the part of the judgment dealing with the third plea in so far as it deals with the maintenance and right of access of the father to the child.*

Minn dawn il-fatti huwa ċar illi l-Qorti diversament ippreseduta kienet tat deċiżjoni fir-rigward tal-kap tal-manteniment u l-ispejjeż. Din il-parti tad-diżpożittiv preċedenti kienet soġġetta għal appell magħmul mill-attur preżenti u l-Qorti ta' l-Appell irrevokat dik il-parti tas-sentenza li kienet titratta l-manteniment u d-dritt ta' aċċess, u għalhekk għal din il-Qorti dan ma jfisser xejn għajr illi llum il-manteniment li għandu jitħallas mill-attur għal minuri huwa dak ta' tlett mitt ewro (€ 300) mingħajr l-aġġustament ta' kull sena kif kienet ordnat l-Ewwel Qorti.

Dan iwassal għat-tieni punt ta' diżgwid bejn il-partijiet li huwa relattiv għall-ispejjeż.

Hawnhekk il-Qorti m'għandha ebda dubbju li l-ispejjeż kienu parti integrali mill-manteniment ta' tlett mitt Euro (€ 300) fix-xahar dovut mill-attur lill-konvenuta.

Dan jirriżulta ċar mill-kliem tad-diżpożittiv relattiv għall-manteniment u l-ispejjeż li jirriżulta fid-deċiżjoni ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta mogħtija nhar il-21 ta' Frar, 2017 – kif suċċitat b'emfażi hawn aktar 'il fuq – li jgħid senjatament li l-manteniment ta' tlett mitt Euro (€ 300) fix-xahar jinkludi sehem l-attur fl-ispejjeż tas-saħħa u edukazzjoni.

Għaldqstant il-valuri dikjarat mill-konvenuta bħala dovuti lilha mill-attur skond il-prospett eżebit minnha a fol 91 tal-proċess m'humiex dovuti.

B'dan magħdud, jirriżulta mill-atti u l-provi prodotti li l-partijiet kontendenti ilhom separati *de facto* sa mill-inqas l-2015 meta ġew intavolati l-proċeduri ta' separazzjoni personali u *de jure* sa' mill-2017 b'dan li hemm sentenza tal-Qorti ta' separazzjoni personali bejniethom. Jirriżulta ulterjorment li m'hemm ebda possibilita' ta' rikonċiljazzjoni bejniethom.

Għaldaqstant, huma sodisfatti r-rekwiżiti ta' l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16, Liġijiet ta' Malta, b'dan li din il-Qorti tista' tgħaddi sabiex tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet.

Għal dak li jirrigwarda l-manteniment, l-istess Artikolu 66B jrid li din il-Qorti għandha tqies bħala adegwat dak il-manteniment ordnat b'sentenza ta' separazzjoni u għalhekk din il-Qorti hija prekluża milli tvarja l-istess.

**Deċide:**

Għaldaqstant, in vista tal-premess u għar-raġunijiet kollha hawn fuq espressi, din il-Qorti qiegħdha taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuta:

a) Tilqa' l-ewwel (1) talba attriċi u tippronunzja d-divorżju bejn il-partijiet;

b) Tilqa′ t-tieni (2) talba attriċi u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien xahar mill-lum javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju bejn il-partijiet sabiex dan jiġi debitament reġistrat;

Bl-ispejjeż ta′ din il-kawża jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) Daniel Sacco
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur